**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Marzu 2022**

**<u>Rikors nru: 145/2020 AGV ;</u>**

**OSS**

**Vs**

**OS**

**Il-Qorti rar ir-rikors ta' OSS datat 25 ta' Settembru 2020 fejn esponiet** bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat illi;

Illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Dicembru 2007 fir-Registru Pubbliku l-Belt Valletta mil-liema zwieg kellhom tlett itfal (Dok OS1).

Illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba li l-intimat kien fizikament u moralment vjolenti lejn l-esponenti u dan fil-fatt gie ordnat biex jivvaka d-dar matrimonjali permezz tad-digriet datat 20 ta' Gunju 2016 (Dok OS2).

Illi l-partijiet ma kienx irnexxielhom jaslu ghal ftehim ta' separazzjoni tramite l-Medjazzjoni Nru 1283/2015.

Illi minkejja li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom ma kienetx giet itterminata kif jirrikjedi l-Artikolu 66D(5) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tas-sentenza datata 15 ta' Novembru 2017 bin-numru ta' referenza 61/2017AL, (Dok OS3), gie ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet minghajr gew likwidat l-assi ta' bejniethom, liema decizjoni ma gietx appellata (Dok OS4).

Illi ghaldaqstant b'din id-decizjoni insolita tal-Qorti li effettivament itterminat il-komunjoni tal-akkwisti, illum il-partijiet xortawahda ghad ghandhom propjeta' in komuni, principalment l-maisonette li jgib in-numru 24, Nush Dom, Triq San Ignazju ta' Loyola, Naxxar, li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, fuq liem hemm dejn mal-Bank of Valletta plc.

Illi regghet infethet Medjazzjoni ohra, bin-numru ta' referenza 44/2020 sabiex il-partijiet jaslu ghal ftehim dwar il-likwidazzjoni tal-assi ta' bejniethom formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejniethom, izda l-intimat qatt ma deher u fil-fatt il-medjazzjoni inghalqet u l-Qorti ordnat li l-esponenti tipprocedi b'din il-kawza (Dok OS5).

Illi ghaldaqstant l-esponenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali, u tassenja wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenut b'konsegwenza li tkisser iz-zwieg irrimedjabilment, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

2. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16.

Bl-ispejjez konta l-intimat.

Il-Qorti trat li il-konvenut gie debitament notifikat u ma pprezentax risposta entro t-terminu ghalhekk, tiddikjarah kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi kif inghad, il-konvenut naqas milli jippresenta risposta ghar-rikors guramentat tal-attrici, u ghalhekk il-Qorti kienet iddikjaratu kontumaci. Il-fatti tal-kaz huma, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kellhom iz-zwieg taghhom mahlul permezz ta' sentenza tal-15 ta' Novembru, 2017, u dan wara li l-konvenut kien ordnat jallontana ruhu mid-dar martimonjali permezz ta' digriet datat 20 ta' Gunju, 2016, izda minghajr ma kien hemm pronunzjament dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk l-attrici kellha tintavola din il-kawza biex il-komunjoni bejn il-partijiet tigi hekk likwidata.

Ghalhekk it-talbiet li ghandha quddiemha l-Qorti llum huma biss ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni, liema komunjoni kienet *ipso facto* giet terminata bis-sentenza ta' divorzju gia' imsemmija, u ghalhekk l-attrici qed titlob li l-komunjoni tal-akkwisti li giet iffurmata bejn id-datat taz-zwieg, is-27 ta' Dicembru 2007, u d-data tad-divorzju, il-il-15 ta' Novembru 2017, tigi likwidata. L-attrici ressqet ukoll talba ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut. Ladarba il-partijiet huma divorzjati, il-Qorti ma tistax tapplika sanzjoni bhal dik kontenuta fl-Artikolu imsemmi u fl-Artikoli sussegwenti. Semmai l-attrici kellha tintavola kawza ta' separazzjoni qabel id-divorzju, jew almenu tablet li jittiehdu certi provvedimenti fil-kawza tad-divorzju. Illum, la l-partijiet huma divorzjati, il-Qorti ma tista' taghmel xejn f'dan ir-rigward, ghax iz-zwieg gie dikjarat mahlul. Lanqas tista' l-Qorti tapplika dawk l-istess disposizzjonijiet tal-ligi b'mod retroattiv ghall-perjodu bejn id-data taz-zwieg u dik tad-divorzju. Il-Qorti tista' biss, wara li tara l-kontenut tal-komunjoni, tillikwida l-istess a bazi tal-provi mressqa.

Mill-provi prodotti, il-komunjoni tal-akkwisti hija ffurmata mis-segwenti;

1. Id-dar matrimonjali numru 24, Nush Dom, Triq San Injazju, Naxxar.
2. Kontijiet bankarji f'isem il-partijiet.
3. Djun dovuti lill-bank.
4. Tlitt vetturi, id-dettalji taghhom mhux maghrufa.
5. Ghamara w diversi oggetti mobbli ohra.

Sabiex il-komunjoni tigi likwidata, il-Qorti trid tara jekk kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex il-porzjonijiet ma jkunux indaqs, izda jiffavorixxu parti fuq ohra. Mill-provi prodotti mill-attrici, irrisulta li l-konvenut kien gie ordnat jallontana ruhu mill-proprjeta' fejn kienu jghixu bhala familja permezz ta' digriet hawn fuq imsemmi. Minn dik id-data 'l quddiem, l-attrici ghexet fl-istess proprjeta' flimkien mat-tlitt uliedha u t-tifla l-ohra taghha minn relazzjoni precedenti. Ghalhekk, dan l-istat ta' fatt ilu hekk jippersisti ghal sitt snin shah, u ma jidher li hemm l-ebda raguni biex dan

jinbidel. L-attrici ser tigi awtorizzata tibqa' tirresjedi fid-dar matrimonjali flimkien mal-erbat-itfal, ad eskluzjoni tal-konvenut.

Il-Qorti ghandha tara wkoll jekk l-istess dar ghandhiex tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, jew ghandhiex minflok tigi assenjata lill-attrici jew lill-konvenut. Il-proprjeta' kienet inxtrat fit-28 ta' Ottubru 2009, u l-partijiet kienu hadu self mill-Bank of Valletta biex hallsu l-prezz. Jirrisulta wkoll li fil-21 ta' Marzu, 2012, il-Bank kiseb sentenza fil-konfront taghhom *in solidum* ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu dovut fl-ammont ta' €157,415.83. Mill-provi prodotti, jidher li dan il-bilanc mhux biss ghadu dovut mill-partijiet, izda zdiedu l-imghaxijiet fuq il-kapital, biex b'hekk sa Lulju 2021 dan l-imghax issa kien jammonta ghal €110,787.29 (dok JB7). Fix-xiehda taghha l-attrici tghid li l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas is-self mill-bank, izda hi saret taf li l-ebda pagament ma kien sar fuq dan is-self meta marret il-bank biex titlob assistenza fuq il-'credit card' taghha biex tkun tista' ggib fondi mir-Russja. Fl-istess xiehda tghid ukoll kif ir-relazzjoni taghha mal-konvenut spiccat hekk kif twieldu t-tfal u hu ma kienx jippartecipa fit-trobbija taghhom. Issemmi wkoll episodji ta' vjolenza li kienu wasslu biex il-konvenut jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar matrimonjali. Fi ftit kliem, ghalhekk, il-konvenut naqas mill-obbligu li jmantni lil martu u lil uliedu.

Dawn il-fatti kif esposti mill-attrici, u li ma gewx kontradetti mill-konvenut, iwasslu lill-Qorti tikkunsidra li d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-attrici, b'dana illi l-kreditu favur il-Bank of Valletta hekk kif kanonizzat bis-sentenza hawn fuq imsemmija jibqa' impregudikat. Dak id-dejn huwa dovut mill-partijiet *in solidum* bejniethom, u l-Qorti ma tistax talloka parti minnu jew id-debitu kollu lil wiehed jew wahda mill-partijiet. Il-Qorti tista' biss talloka l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza 'l quddiem, u fil-fehma tal-Qorti dan ghandu jigi assenjat lill-konvenut wahdu. Ghal dan il-ghan il-Qorti sejra tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jsiru l-kuntratti pubblici

relattivi biex dan l-arrangament jigi rifless u pprovdut, bil-provvedimenti ghall-eventwali kontumacja ulterjuri tal-istess konvenut.

Illi ghalhekk, in sintesi, id-dar matrimonjali qed tigi assenjata lill-attrici, u minghajr pregudizzju ghall-kreditu gia' kanonizzat favur il-Bank of Valletta skond is-sentenza datata 21 ta' Marzu, 2012, id-dejn ghandu jigi assenjat lill-konvenut. Dan qed jinghad ukoll peress illi fil-kawza odjerna mhux qed jintalab manteniment ghall-ulied, u ghalhekk il-Qorti aktar u aktar ghandha tassenja d-dar matrimonjali lill-attrici wehidha.

L-oggetti mobbli li hemm fl-istess dar matrimonjali wkoll qed jigu assenjati lill-attrici, bl-intendiment li l-konvenut gia' ha l-effetti personali kollha tieghu mill-istess dar meta hu ivvaka l-fond wara d-digriet moghti mill-Qorti f' Gunju 2016.

Kwantu ghall-kumplament tal-komunjoni, il-partijiet ghandhom jzommu l-kontijiet bankarji f'isimhom. Kull dejn iehor kongunt u dovut lill-Bank of Valletta qed jigi wkoll assenjat lill-konvenut, riferibbilment il-kontijiet immarkati 'credit card loans' (dok JB8) u 'legal fees' (dok JB9). Hawn ukoll ghandhom jigu ppubblikati l-atti relattivi mal-istess Nutar Pubbliku nominat mill-Qorti.

Fix-xiehda taghha l-attrici semmiet ukoll li l-partijiet kienu xtraw tlitt vetturi, izda l-Qorti m'ghandha ebda dettalji ta' dawn. Hi tghid li vettura minnhom tat-tip Citroen taghmel uzu minnha hi, u ghalhekk din ghandha tigi assenjata lill-attrici. Fl-eventwalita' li ghad hemm dejn fuq din il-vettura, dan ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut. Iz-zewg vetturi l-ohra ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti verament tispera li l-attrici tkun tista' taghlaq dan il-kapitlu ta' hajjitha u tibda pagna gdida, bl-isperanza li tkun tista' zzomm il-proprjeta' tan-Naxxar fejn presentament tirresjedi flimkien mal-erbat itfal taghha. Tal-inqas, wara

li ghaddiet minn snin ta’ tbatija w incertezza, tkun tista’ thares ‘il quddiem b’direzzjoni cara. Almenu l-gustizzja hekk titlob.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa’ l-ewwel talba attrici, u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod kif deskritt fis-sentenza. U ghalhekk tinnomina lin-Nutar Clinton Bellizzi, sabiex jippubblika l-atti relattivi, u kuraturi deputati fl-eventwali kontumacja tal-konvenut.
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li l-partijiet ilhom divorzjati mill-2018.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**